Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Numru 390/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**LORNA FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Lorna Farrugia, bint Nicholas u Catherine nee’ Camilleri, imwielda Pieta’ nhar is-16 ta’ Dicembru 1988, residenti 112, Catlin, Triq Patri Guzepp Delia, Siggiewi detentur tal-karta ta’ l-identita’ nr. 577688M.

Billi hija akkuzata talli fit-13 ta’ Dicembru 2009 ghall-habta ta’ bejn il-23:15hrs u il-23:30 minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ Havana li jinsab Triq San Gorg San Giljan

ikkommettiet serq ta’ mobile phone li l-valur tieghu ma jeccedix il-232.94 Euro (LM100) ghad dannu ta’ Raul Genisio Tirelli, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u innutat li l-imputata Lorna Farrugia m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile iddikjara li l-mobile phone tieghu gie ritornat lilu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Lorna Farrugia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li l-parte civile iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-mobile phone tieghu gie ritornat lilu, tillibera lill-istess imputata Lorna Farrugia taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446

tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Lorna Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------